**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 24 ta' Ottubru, 2016**

Kawza Numru: 190/2016JB

Numru: 3

**Saviour Micallef (K.I.: 593962M)**

***vs***

**Emmanuel Micallef (K.I.: 835553M)**

It-Tribunal,

Ra t-talba prezentata nhar it-18 ta' Mejju 2016 fejn l-Attur talab li l-Konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' elf, seba' mija u tlieta u erbghin euro u hamsa u sebghin centezmu (€1,743.76) rapprezentanti imghaxijiet fuq debitu ta' sittax-il elf, tliet mija u tliet euro (€16,303) dovuti skond skrittura privata tal-11 ta' Ottubru 2013 li dwar l-istess debitu kienet inharget kambjala;

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tal-11 ta' Lulju 2016 (a fol 7);

Ra li l-Konvenut, debitament notifikati bl-atti (a fol 10), laqa' ghal din l-azzjoni billi pprezenta risposta nhar it-30 ta' Gunju 2016 (a fol 8) fejn eccepixxa dan li gej:

1. Illi t-talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt u dank if se jigi ppruvat fil-mori tal-kawza;

2. Illi l-kambjala ssostitwiet l-iskrittura privata u ghalhekk mhu dovut ebda imghax;

Sema' l-provi;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Sema' t-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Ra li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum;

Ikkunsidra;

Illi l-odjerna kawza tirrigwarda debitu bejn il-kontendenti kontrattat permezz ta' skrittura privata (a fol 3). Skond din l-iskrittura tal-11 ta' Ottubru 2013, il-Konvenut kellu jhallas lill-Attur is-somma ta' €16,303 fi zmien sena u f'kaz ta' morozita jibda' jiddekorri l-imghax bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%). Jidher, kif jirrizulta mix-xhieda tal-Attur (a fol 16) li bejn il-kontendenti kien hemm negozju iehor tant li f'Jannar tal-2014 kien sar xi trasferiment ta' ishma beniethom. Il-Konvenut f'dik l-okkazjoni kien talab aktar zmien ghall-hlas u nharget kambjala (a fol 20) ghas-somma ta' €16,303. Il-kambjala taqra hekk: "*Malta 29-1-2014 Exch. For €16303. At Malta 29-1-2016 pay this sole bill of exchange to the order of Saviour and Gemma Micallef the sum of sixteen thousand three hundred and three euro value of monies due regarding flat at Qawra as per writing dated 11-10-2013 which place to account. To Emanuel & Josephine Micallef.*" Imbaghad hemm il-firem. Jidher li din il-kambjala saret quddiem in-Nutar Anthony Abela u meta xehed (a fol 26) dan stqarr li "*l-iskop tal-kambjala kien biss li jikkawtelaw id-debitu ta' €16,303.*" Jghid li ghamel annotazzjoni fuq l-iskrittura a fol 3 f'dan is-sens. Il-Konvenut da parti tieghu xehed (a fol 33) u kkonferma li fuq il-ftehim a fol 3 kellu jiddekorri l-imghax izda imbaghad kienu ghaddejjin negozjati ohra u kienu ftehmu li fuq somom dovuti ma jiddekkorrux imghaxijiet. Kien f'dan il-kuntest li saret il-kambjala. In sostenn ta' dan, il-Konvenut ipprezenta kuntratt (a fol 35) li jidher li sar kontestwalment mal-kambjala a fol 20 tant li z-zewg dokumenti huma datati l-istess jum u l-iskrittura wkoll jidher li saret quddiem in-Nutar Abela. Jghid li dak il-kuntratt sar ma' iben l-Attur u fuq somma li tizboq it-tenur tal-kambjala u f'dak il-ftehim ma giex pattwit imghax. Il-Konvenut jinsisti li l-kambjala saret in sostituzzjoni tal-ftehim a fol 3 u li l-iskop taghha kien li l-Attur jaghtih aktar zmien sabiex ihallas. Il-Konvenut zied jghid li hu offra l-hlas tal-imghaxijiet fuq il-kambjala mid-data li din ghalqet sal-gurnata tal-effettiv pagament, liema hlas ma giex accettat da parti tal-Attur.

Illi quddiem dan l-assjem ta' provi, it-Tribunal jehtieglu qabel xejn jiddeciedi jekk il-kambjala issostitwixxietx jew le il-ftehim originali bejn il-kontendenti (a fol 3), kif qed jghid il-Konvenut fit-tieni eccezzjoni tieghu.

Illi fis-sentenza taghha fl-ismijiet "John Giordmaina *et vs* Joseph Pace *et*", deciza nhar is-16 ta' Jannar 2003, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili irriteniet kif gej:

> Kambjala, kif inhu maghruf, ma tohloqx novazzjoni, meta tibqa f'idejn il-parti kontraenti ma tistax tigi distakkata mill-obbligazzjoni originali. L-iskop ta' kambjala hija li tista tigi girata malajr u meta tigi girata takkwista karattru awtonomu. Minghajr kambjala, kreditur jista jaghmel kuntratt ta' cessjoni ta' dritt taht il-ligi civili, pero`, fil-konfront tat-terz akkwirent, id-debitur xorta jkun jista jissolvela eccezzjonijiet li jolqtu n-negozju. Ghalhekk, ghall-kreditur, dan id-dritt ta' cessjoni ma tantx hu effettiv ghax ma tantx issib nies lesti jiehdu kreditu ta' haddiehor, u fl-istess hin jibqghu esposti ghall-kwistjonijiet inerenti ghal-obbligazzjoni li ghalih ma kienux parti. Ghalhekk inholqot il-kambjala.

Illi mill-provi prodotti jidher bic-car li l-kambjala hija intimament marbuta mal-kuntratt a fol 3 tant li l-kambjala taghmel riferenza specifika ghal tali kuntratt fil-waqt li fuq l-istess kuntratt saret annotazzjoni minn idejn in-nutar li rrediga l-kambjala. Quddiem dan il-kwadru ma jistax jinghad li bejn il-kontendenti kien hemm xi novazzjoni ta' obbligazzjonijiet u ghalhekk it-tieni eccezzjoni tal-Konvenut ma tistax tirnexxi.

Ikkunsidra;

Illi sorvolata din il-kwistjoni jmiss li t-Tribunal iqis it-talba fid-dawl tal-ewwel eccezzjoni u cjoe li din it-talba hi infondata fil-fatt u fid-dritt.

Illi skond l-iskrittura a fol 3, l-imghax bir-rata ta' 8% fuq is-somma ta' €16,303 kellu jibda' jiddekorri fil-11 ta' Ottubru 2014. Il-pagament jidher li sar madwar xahar wara l-gheluq tal-kambjala (ara xhieda tal-Konvenut a fol 34) u minn ezami tal-istess kambjala a fol 20 jidher li din kienet taghlaq fid-29 ta' Jannar 2016. Ghalhekk l-imghax ghall-perjodu bejn l-11 ta' Ottubru 2014 u l-ahhar ta' Frar 2016 jizboq is-sorte mitlub fl-odjerna kawza u ghalhekk din it-talba tirrizulta ippruvata.

Illi mill-banda 'l ohra l-argument tal-Konvenut li bejn il-partijiet kien sar akkordju mod iehor ma jistax jintlaqa' jekk xejn ghaliex mhemm l-ebda prova skritta u anke li kieku wiehed kellu jqis il-provi dokumentarji prodotti mill-Konvenut, wiehed mill-ewwel jintebah li l-Attur mhuwiex parti ghall-kuntratt ezibit a fol 35 u fi kwalunkwe kaz, mhuwiex minnu li f'dak il-ftehim gie eskluz l-imghax ghaliex ghall-kuntrarju il-partijiet kontraenti ftehmu li jkun hemm imghax f'kaz ta' morozita. It-Tribunal iqis li l-argumenti tal-Konvenut fir-rigward huma mgebbda, mghandhomx mis-sewwa, u ma jisthoqqqilhomx jinghataw widen.

Illi konsegwentement anke l-ewwel eccezzjoni se tigi michuda.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi prevja li jichad l-eccezzjonijiet tal-Konvenut, jilqa' t-Talba attrici u jikkundanna lill-Konvenut ihallas lill-Attur is-somma ta' €1,743.76. L-ispejjez kollha tal-proceduri jkunu a karigu tal-Konvenut.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Adrian Pace
*Deputat Reġistratur*